MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Numru. 1198/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**VINCE SPALDING**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Vince Spalding ta’ 22, bin il- mejjet Louis Pace u Caroline nee’ Spalding, mwieled Pieta’ fid- 9 ta’ Ottubru 1988, residenti 43, Triq Matty Grima Bormla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 469288M;

Talli;

1) Fil- lejl ta’ bejn l- 10 u l- 11 ta’ Novembru 2010, ghal habta tas- 1.00am filwaqt li kien fil- fond 43, Triq Matty Grima, Bormla, bil- hsieb li jaghmel reat u cioe’ li

joqtol lil huh Cliff Spalding, jew li jqieghed hajtu f' periklu car, wera dan il- hsieb b' atti eterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id- delitt, billi ta daqqiet bi strument li jaqta' u bil- ponta, oggett iebes u permezz ta' mezzi ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta tieghu;

2) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il- persuna ta' Cliff Spalding, skont kif iccertifikat minn Dr. Agnes Cachia, it-tabib tat- taqsima tal- Emergenza tal- Isptar Mater Dei;

3) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l- persuna ta' Cliff Spalding sabiex jingurjah jew jaghmel hsara lill- istess;

4) akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fil- fond numru 43, Triq Matty Grima, Bormla, kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied;

5) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fil- fond numru 43, Triq Matty Grima, Bormla, kellu fil- pussess tieghu , taht il- kontroll tieghu, jew garr barra minn xi fond jew fid- dintorni tieghu, arma u arma ohra rregolari minghajr il- licenzja tal- Kummisarju tal-Pulizija;

6) aktar talli sar recidiv ai termini tal- Artikolu 49 u 50 tal- Kap 9 b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati differenti, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

7) barra minn hekk talli Vince Spalding ikkommetta reat fil- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill- Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D fil- Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat 2 ta' Gunju 2010;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 7 ta' Frar, 2011, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li fuqhom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tieghu tibqa' tinstema' sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Novembru, 2010, l-imputat kien qieghed id-dar flimkien ma' ommu u ohtu, meta hin minnhom dahal huh il-kbir, Cliff Spalding, fi stat ta' sakra konsiderevoli. Irrisulta li qam argument bejn is-subien dwar xi halib, u Cliff hebb ghal Vince u baqa' jaqbad mieghu. F'hin minnhom, Vince qam ghalih u rritalja ghall-aggressjoni ta' huh, u xejjirlu daqqa ta' sikkina taht ghonqu, b'konsegwenza li Cliff sofra griehi gravi u ttiehed l-isptar ghall-kura. Il-Pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, u ttiehdu l-proceduri odjerni kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti, jirrizulta ampjament ippruvat li kien l-imputat li kkawza l-offizi gravi sofferti minn huh fil-lejl indikat. Ghalkemm omm u oht l-istess imputat ghazlu li ma jixhdux, kif kellhom kull dritt jaghzlu li jaghmlu, xorta kien hemm bizzejjed provi biex juru li effettivament l-imputat ta daqqa ta' sikkina lil Cliff Spalding. Dan irrisulta mill-istqarrija tal-imputat, esebita fl-atti, kif ukoll mix-xiehda ta' Cliff Spalding innifsu, ghalkemm kien neboluz hafna fuq id-dettalji ta' kif gara l-incident kollu, minhabba fil-

konsum eccessiv ta' alkohol li kellu fuqu dak il-waqt. Mhuwiex kontestat, izda, li kien Cliff li l-ewwel aggredixxa lil Vince, u dan tal-ahhar irritalja b'mod eccessiv ghal-aggressjoni ta' huh.

Madankollu, Cliff Spalding iddikjara fil-Qorti li ma kellu ebda pretensjoni kontra huh, u l-anqas ftakar ezatt x'gara dakinhar. B'xorti tajba, hadd ma sofra konsegwenzi aktar serji minn hekk.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat jehtieglu aktar sorveljanza u supervizjoni f'hajtu. Ghalkemm l-incident kien wiehed serju, u seta' kellu konsegwenzi aktar gravi, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li kien hemm element ta' aggressjoni mill-vittma qabel ma sehh l-incident, u ghalkemm huwa minnu li r-reazzjoni tal-imputat kienet eccessiva, kien hemm provokazzjoni fuqu biex ghamel dak li ghamel. Barra minn hekk, il-vittma stess stqarr li ma kellu ebda pretensjoni kontra huh, u ghalhekk il-Qorti tara li ghandu jun hemm mitigazzjoni fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 218(1)(a)(b), 222(1)(a), 216(1)(b), 217, 28B, 28C, 28D, 49 u 50 tal-Kap 9 u l- Artikoli 6 u 51(7) tal- Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation, ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tastjeni milli tiehu provvediment fuq l-imputat dwar il-ksur ta' sentenza sospiza datata 2 ta' Gunju, 2010, u dan ai termini tal-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------